MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru. 526/2009

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
John Scicluna, iben Joseph, imwieled Ħamrun fit-18 ta' April, 1965, Karta ta' l-Identita numru 212565(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-ġurnata tal-31 ta' Mejju, 2009, bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' attentat ta' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' martu Rita Scicluna mill-Marsa, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ

ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBD 663, tal-marka Peugeot 106, u ta' xi oġġetti oħra ġewwa r-residenza 'St. Mary', Flat no 4, Triq Ħal-Qormi, Marsa, liema ħsara hija aktar minn €1,164.69 għad-dannu ta' martu Rita Scicluna mill-Marsa;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN 555, tal-marka Hyundai Accent, u fuq il-bieb tal-fond numru 37, Triq il-Kappuċċini, Marsa, liema ħsara hija iktar minn €116.57 iżda mhux aktar minn €1,164.69 għad-dannu ta' Grezzju Grech mill-Marsa;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Rita Scicluna tibża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodiċi Kriminali tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħaddieħor biża kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;

5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi f'dawn il-Gżejjer, ta fastidju lil martu Rita Scicluna b'mod li kien jaf li dan kien ta' fastidju għaliha;

6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi f'dawn il-Gżejjer bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' martu Rita Scicluna u ta' persuni oħra, weġġagħhom b'ġesti, b'kitba, b'disinji, bi kliem mhux imfisser ċar jew b'ċanfir mhux speċifikat jew inkella bi kliem jew għemil li jkun biss mhux xieraq jew b'xi mod ieħor;

7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bil-fomm hedded lil martu Rita Scicluna u lil persuni oħra b'delitt u cioe' bi qtil;

8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta u bil-ponta mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

9. talli fl-istess jum, data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat u ġlied;

10. talli sar reċidiv.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Rita Scicluna u Grezzju Grech u tapplika l-

provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Ġunju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li Rita Scicluna ma kinitx ser tixhed kontra żewġha, l-imputat u li Grezzju Grech ħafer lill-imputat u irrinunzja għall-azzjoni Kriminali, kif ukoll għad-danni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2010 fejn il-prosekuzzjoni ddikjarat li m’għandhiex provi xi tressaq.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------